MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 218/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**v**

**FLOYD ATTARD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **FLOYD ATTARD** t'ghoxrin sena, bin Carmelo u Anna nee Zammit, imwieled Pieta nhar l-ghaxra t'Awwissu 1984 u joqghod 113, Triq l-Ponta, Isla, detentur tal-karta tal-identita numru 400284M, gie mressaq quddiemha akkuzat:

a. Talli fil-lejl ta' bejn l-ewwel ta' Marzu 2005 w t-tnejn ta' Marzu 2005, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus minn fond 'Baxa Buildings', 1, Triq Valletta, Mosta, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-elf

lira maltin u li sar ghad-dannu tal-kumpanija NexGen.net Limited tal-Mosta;

b. Talli nhar t-tmienja w ghoxrin ta’ Jannar 2005 f’dawn il-Gzejjer, ghal habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq t’oggetti u flus minn fond numru 72, Triq Mannarino, B’Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-lok u li sar ghad-dannu ta’ Charles Bonnet;

c. Talli nhar l-wiehed w ghoxrin ta’ Dicembru 2004 fil-Marsa, f’xi hin wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ CD stereo minn go vettura tal-ghamla Opel Corsa bin-numru ta’ registrazzjoni DBG 871, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Joanne Galea mill-Imsida;

d. Talli fit-tnejn ta’ Marzu 2005, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misurqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex imexxihom jew jbieghhom;

e. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-ewwel ta’ Marzu 2004, ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija;

f. Talli wkoll f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser l-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tmienja w ghoxrin t’April 2004, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula fejn kien instab hati w illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ tlett snin;

g. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u

50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-istqarrija tal-imputat esibita a fol 14 et seq tal-atti, sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tmienja w ghoxrin ta' April 2004 per Magistrat Dottor Antonio Mizzi (fol 54), sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-ewwel ta' Marzu 2004 per Magistrat Dottor Lawrence Quintano (fol 56), kif wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sbatax ta' Lulju 2006 per Magistrat Dottor Antonio Micallef Trigona (fol 213 et seq), sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tnejn ta' Dicembru 2002 per Magistrat Dottor Antonio Micallef Trigona (fol 216 et seq ), u sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-hamsa ta' Lulju 2007 per Magistrat Dottor Audrey Demicoli (fol 218 et seq), kif wkoll il-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hamsa w ghoxrin t'April 2008 (fol 208) sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali kif jirrizulta mill-verbal tat-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2008.

Semghet lil prosekuzzjoni tezenta lid-difiza mill-htiega li tressaq xhieda t'identita tas-sentenzi esibiti stante li taccetta li dawn is-sentenzi nghataw fil-konfront tal-imputat odjern.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2008, li kien **qed jammetti l-akkuzi 'a', 'b' 'c' u 'g' u jiddikjara li din il-Qorti diversament preseduta hadet konjizzjoni tal-akkuzi 'e' u 'f'.**

Rat li l-akkuza 'd' inghatat b'mod alternattiv ghal akkuzi 'a', 'b' u ' c' w ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni tal-istess akkuza 'd'.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerġa lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif minnu ammessi u cioe l-akkuzi 'a', 'b' 'c' u 'g'.

Rat is-sentenza moghtija fil-ħamsa ta' Lulju 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Floyd Attard** minn din il-Qorti diversament preseduta esibita fl-atti a fol 218 w immarkata bhala Dok. CSH 3, u minn ezami tal-istess jirrizulta li dik l-Qorti diga ttrattat mal-imputat fir-rigward l-akkuzi 'e' u 'f' w ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg akkuzi.

Dwar il-piena pero, il-Qorti semghet lil Connie Fenech in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa tixhed fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Novembru 2008 fejn qalet li l-imputat ghamel l-programm kontra l-abbuz mid-droga b'mod sodisfacenti u li llum il-gurnata jinstab fl-istadju ta' *semi residential* fis-sens li qed jigi ppreparat sabiex isib impieg sabiex jirrintegra ruħu sew fis-socjeta. Qalet wkoll li hija sodisfatta bil-progress registrat minnu u li matul iz-zmien li l-imputat ghamel taħt dan il-programm, huwa dejjem gab ruhu sew w obda d-direttivi moghtija lilu mid-dirigenti tal-istess programm.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan

il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 26(b)(c)(e)(f)(g), 263, 267, 269, 270, 271, 278, 279, 334, 28B, 49, 50, u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat FLOYD ATTARD hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u cioe l-akkuzi ‘a’, ‘b’, ‘c, u ‘g’ u tiddecidi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, li tpoggih taħt ordni ta’ probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta’ tlett [3] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat ikompli bil-programm ta’ rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga;**
**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer ihoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**
**3. li l-imputat jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**
**4. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta' PC 186 Christian Mintoff [fol 110] u Joseph Mallia [fol 196] fl-ammont komplessiv ta' elf sebgha mija tlieta w sittin Euro [€ 1763] u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, dan jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**v**

**FLOYD ATTARD**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, …………………………… 2008**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata, **FLOYD ATTARD** t’ghoxrin sena, bin Carmelo u Anna nee Zammit, imwieled Pieta nhar l-ghaxra t’Awwissu 1984 u joqghod 113, Triq l-Ponta, Isla, detentur tal-karta tal-identita numru 400284M **tigi mpoggija taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata FLOYD ATTARD** t’ghoxrin sena, bin Carmelo u Anna nee Zammit, imwieled Pieta nhar l-ghaxra t’Awwissu 1984 u joqghod 113, Triq l-Ponta, Isla, detentur tal-karta tal-identita numru 400284M **titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ tlett snin l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;
3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;
4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata; u
5. Li l-persuna mputata tkompli bil-programm ta’ rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………..
**……………………………..**
**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------